MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 478/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mary Jane Cefai**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta’ April, 2009 ghall-habta ta’ 19.00 hrs gewwa l-fond “Osiris”, Triq Salvu Buhagiar, M’Scala ikkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ zewgek Duncan Cefai hekk kif iccertifikat minn Dr. M. Abela mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Novembru, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ghaldaqstant ikkundannataha twiddiba w canfira.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata w ghaldaqstant tilliberaha mill-imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghal konkluzjoni ta' htija w dan ghar-ragunijiet segwenti :
Illi fl-ewwel lok jinghad illi Duncan Cefai instab hati li kkaguna griehi lil martu l-appellanti f'kawza li nstemghet kontestwalment ma dik odjerna, dejjem dwar l-incident in kwistjoni. Duncan Cefai m'appellax minn din is-sentenza.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda kontestazzjoni illi effettivament Duncan Cefai sawwat lill-appellanti u kkagunalha griehi ta' natura hafifa, w dan hu l-*punto di partenza* f'din il-kawza. Illi ghalhekk l-ezami li trid taghmel din il-Qorti llum hu li tara jekk minn naha taghha, l-appellanti ghandiex tinstab responsabbli li hebbet ghal zewgha w ikkagunatlu griehi.

Illi ma hemmx dubju illi l-appellanti kienet il-vittma ta' dan l-incident vjolenti minn zewgha, u ssubiet feriti li ghalkemm gew klassifikati bhala hfief, dan gara ghax fortunament la kellha ksur u lanqas sfregji, izda pero' d-daqqiet li qalghet ma kienux zghar, kif jirrizzulta ahjar mic-certifikat mediku esebit. Illi dawn it-tipi ta' attakki vjolenti huma kundannabbli, l-aktar meta jsehhu bejn membri tal-istess familja w quddiem it-tfal minuri, u minghajr ebda raguni.

Illi l-Ewwel Qorti messha indunat mill-ewwel li Duncan Cefai ma sofra l-ebda griehi u lanqas gie aggredit f'dan l-incident, izda kien biss aggressur li safa' jsawwat lil min kien qed jipprotegi lil ibnu minuri. Hu bil-wisq indikattiv il-

fatt li Duncan Cefai m'ghamel l-ebda rapport lill-Pulizija dwar dan l-incident, u kien biss wara li sar rapport minn martu li hu qal li kien sofra griehi! Biex jghatti xturu, Duncan Cefai mar jaghmel certifikat mediku, **liema certifikat mediku juri b'mod mill-aktar car li Duncan Cefai ma kellu l-ebda griehi!** Waqt is-smiegh tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti, Duncan Cefai qal li hu kellu girfa f'ghonqu, izda c-certifikat mediku ma jindika xejn minn dan.

Illi l-appellanti fl-ebda hin u fl-ebda waqt ma refghet idejha fuq zewgha, w l-unici movimenti li bdiet taghmel kienu illi hi bdiet tilqa' d-daqqiet li zewgha beda jaghtiha bil-ponn u bla RAZAN. Bdiet ukoll twerzaq u tghajjat bl-ugiegh minhabba d-daqqiet li bdiet taqla', w dankollu sehh quddiem it-tifel li dak iz-zmien kien ghad kellu hames snin. Mela allura hawn ghandha kaz fejn min kien qed jipprotegi ruhu minn attakk ingust, u fejn l-appellanti ma tat l-ebda daqqa lura, spiccat kundannataha hi wkoll flimkien mal-aggressur!

Ikkunsidrat :

Illi l-iktar haga li tista' toqghod fuqha hawnhekk kien proprju c-certifikat tat-tabib, illi wara li qal li ma kienx sab xejn on "external examination" isfel nizzel li huma "slight".

It-Tabib ma xehedx.

Il-Qorti mhiex sodisfatta illi din l-imputazzjoni giet ippruvata fil-grad li trid il-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrevoka s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-3 ta' Novembru, 2010 u minflok qed tillibera lill-appellanta minn kull imputazzjoni dedotta kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------